KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 67

**Il-Ħamis 6 ta' Lulju 2017**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Kunsillier Mifsud ippresjeda l-laqgħa minħabba li huwa l-aktar Kunsillier anzjan u la s-Sindku u lanqas il-Viċi Sindku ma setgħu jattendu.

## 67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

67.1.1 Is-SE qrat ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku u mingħand il-Viċi Sindku minħabba li ma setgħux jattendu.

67.1.3 Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija mressqa.

## 67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

67.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

67.2.2 Il-Kunsillier Fenech propona li dawn jiġu approvati filwaqt li l-Kunsillier Bugeja ssekondat. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mill-Kunsillier Mifsud u mis-SE.

## 67.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

67.3.1 Ma kienx hemm kommunikazzjoni mis-Sindku minħabba li ma kienx prezenti.

## 67.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

67.4.1 *Il-Kunsillier Fenech: Talba għal informazzjoni dwar rikjesta biex isir dawl fi riq G. Carafa:*

67.4.2 Is-SE prezentat kopja tal-kwotazzjoni u ssuġġeriet li d-deċizjoni tittieħed waqt il-laqgħa li jmiss meta jkun hemm il-Kunsill kollu minħabba li kien hemm spiza ta' madwar €800. Kien hemm qbil unanimu li din tiġi diskussa u deċiza waqt il-laqgħa li jmiss.

## 67.5 Risposta għall-ittra ta' direzzjoni mibgħuta mill-awdituri

67.5.1 Is-SE prezentat kopja tal-ittra li kienet diġà tqassmet permezz tal-*email* mal-aġenda u tat spjegazzjoni ħafifa.

67.5.2 Ir-risposta għall-ittra ta' direzzjoni mibgħuta mill-awdituri ġiet approvata u ffirmata mill-Kunsillier Mifsud u mis-SE.

## 67.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart (April – Ġunju 2017)

67.6.1 Is-SE prezentat kopja tar-Rapport li kien diġà ġie mqassam minn qabel u tat spjegazzjoni dwaru.

67.6.2 Il-Kunsill approva r-rapport u dan ġie iffirmat mill-Kunsillier Mifsud u mis-SE.

## 67.7 Talba għal kwotazzjonijiet lill-periti għal xogħlijiet diversi madwar il-lokalità

67.7.1 Is-SE infurmat li kienet iltaqgħat mal-perit u daru diversi xogħlijiet li kien hemm bzonn isiru fil-lokalità filwaqt li fakkritha dwar ix-xogħlijiet l-oħra pending li kien hemm imma għalkemm kellhom jgħaddu l-istimi sal-lum, dawn ma kinux intbgħatu.

67.7.2 Minħabba li waħda mix-xogħlijiet kienet tinkludi xaqq li zviluppa fil-passaġġ ta' Triq Sir Philip Pullicino, kien hemm qbil li għandhom jitneħħew l-istumps tal-ficus sabiex innaqqsu l-possibbiltà ta' aktar ħsara.

67.7.3 Hija infurmat li sadanittant kienet ġiet ippubblikata l-offerta għas-servizz tal-perit mal-Kunsill. Hija infurmat ukoll li kienet se tgħaddilhom id-dokumentazzjoni dwar l-offerta tal-ġbir ta' skart għall-approvazzjoni tagħhom ukoll sabiex jibda l-proċess tal-pubblikazzjoni tal-offerta.

67.7.4 Il-Kunsillier Mifsud issuggerixxa li hekk kif tiġi pubblikata l-offerta, tintbagħat ċirkulari ġdida lir-residenti biex jiġu infurmati bid-deċizjoni tal-Kunsill li titneħħa l-ġabra tal-Ħadd.

## 67.8 Penali ta' €33.45 – Proġett tal-Bosk

67.8.1 Is-SE infurmat li l-ARPA kienet tat penali lill-Kunsill għal €33.45 minħabba li kienu ġew approvati xi tliet sigħat xogħol lill-perit f'ġurnata pubblika. Min-naħa tagħhom ma kinux qed jaċċettaw li jsir xogħol f'ġurnata pubblika għalkemm il-Kunsill ma kien ra xejn ħazin u kien approva l-pagament.

67.8.2 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li m'għandux iħallas il-penali għaliex il-perit mhux marbut b'ħinijiet u ġranet fissi ta' xogħol ladarba r-rata ta' ħlas tibqa' l-istess. Għaldaqstant is-SE għandha tibgħat risposta biex tinfurmahom b'din id-deċizjoni.

## 67.9 Estensjoni tal-kuntratt għas-servizz ta' *Accountant* kwalifikat

67.9.1 Is-SE infurmat li kien skada l-kuntratt u għaldaqstant il-Kunsill approva li jiġi estiz għal sena oħra.

## 67.10 Estensjoni tal-kuntratt tal-Manutenzjoni u tindif tal-Latrini

67.10.1 Is-SE infurmat li kien se jiskadi l-kuntratt u għaldaqstant il-Kunsill approva li jiġi estiz għal sitt xhur oħra.

## 67.11 Estenzjoni tal-kuntratt tal-forniment u trasport tal-ilma bil-bowser

67.11.1 Is-SE infurmat li kien se jiskadi l-kuntratt u għaldaqstant il-Kunsill approva li jiġi estiz għal sena oħra.

## 67.12 Tiġdid tal-ħatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv

67.12.1 Il-Kunsill approva t-tiġdid tal-ħatra ta' Romina Perici Ferrante bħala Deputat SE.

## 67.13 Allegazzjoni dwar ħsara fuq vettura fi Triq Sir Philip Pullicino

67.13.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet informazzjoni mibgħuta permezz tal-*email* dwar ħsara li allegatament kienet saret fuq vettura fi Triq Sir Philip Pullicino. Hija infurmat li kienet kitbet lura lil dan l-individwu fejn talbet għar-rapport tal-pulizija, provi li l-ħaddiem tal-Kunsill kien għamel din il-ħsara, u stima tax-xogħol li hemm bzonn isir biex titneħħa l-ħsara izda sal-ġurnata ma kien wasal xejn.

## 67.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

67.14.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Kunsillier Bugeja proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud issekonta u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mill-Kunsillier Mifsud u mis-SE.

**67.14.1: Xiri ta' *air-conditioner* ġdid għall-*main office***: Is-SE infurmat li dak qadim kien waqaf jiffunzjona u ma setgħax jiġi rranġat. Il-Kunsill approva li għandu jintrema dak qadim u jiġi ordnat wieħed ġdid minfloku.

**67.14.2: Mili ta' *e-final report* dwar il-proġett tal-ġemellaġġ:** Is-SE infurmat li kienet irrealizzat li ma kienx fadal zmien twil biex jiġi fformulat u mibgħut l-e-final report dwar il-proġett tal-ġemellaġġ u minħabba li qatt ma kienet imlietu qabel kienet talbet l-għajnuna ta' NGO li tagħmel dan ix-xogħol biex tassigura li x-xogħol isir tajjeb. Il-Kunsill approva.

## 67.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

67.13.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 9 ta' Awwissu 2017 fis-7:30pm.

Konfermati, illum 9 ta' Awwissu 2017.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv